MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tad-9 ta' Jannar, 2006

Citazzjoni Numru. 1403/2000/1

**Ervin Farrugia bhala mandatarju specjali ta' Nicola Muto f'ismu propio u f'isem id-ditta Cereria Muto Nicola.**

**-vs-**

**Louis Bartoli & Sons Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fis-7 ta' Lulju, 2000 li permezz taghha l-attur ippremetta:

Illi s-socjeta konvenuta hija vera certa u likwida debitrici a favur tal-attur nomine fis-somma ghoxrin miljun, erbgha mija u hamsa u tmenin elf u hames mija u tmienja u ghoxrin lira taljani

(Lit 20485528) bilanc ta’ somma akbar prezz ta’ konsenji ta’ prodotti ta’ xemgha lilha mibjugha u konsenjati (Dok. A).

Illi s-socjeta konvenuta ma ghandhiex eccezzjonijiet u taghti ghat-talbiet attrici kif jirrizulta mill-anness affidavit (Dok B) ai termini tal-Art 16 tal-Kap 16.

Illi ghalkemm interpellata biex thallas, hija baqghet inadempjenti:

Ghalhekk titlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex;

1. tiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh tal-provi ai termini tal-Art 167-170 tal-Kap 16.

2. tiddikjara lis-socjeta konvenuta bhala vera certa u likwida debitrici a favur tal-attur nomine fis-somma ghoxrin miljun, erbgha mija u hamsa u tmenin elf u hames mija u tmienja u ghoxrin lira taljani (Lit 20485528) bilanc ta’ somma akbar prezz ta’ konsenji ta’ prodotti ta’ xemgha lilha mibjugha u konsenjati (Dok A).

3. tikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas lill-attur nomine s-somma ta’ ghoxrin mijun, erbgha mija u hamsa u tmenin elf u hames mija u tmienja u ghoxrin lira taljani (lit 20485528) f’valuta maltija skond il-kambju fid-data tas-sentenza.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali datata 19 ta’ Jannar 2000 u tal-ittri datati 9 ta’ Dicembru 1999 u 21 ta’ Marzu, 2000 u bl-interessi mid-data tal-konvenut millum ingunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur nomine mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat illi s-socjeta' konvenuta naqset li tippresenta in-nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumacji skond il-ligi.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-10 ta' Ottubru, 2005 li permezz taghha l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat.

Illi l-attur proprio u f'isem is-socjeta' attrici qed titlob dikjarazzjoni illi s-socjeta' konvenuta tigi kkundannata thallas l-ammont imsemmi fic-citazzjoni.

Skond il-provi mressqa mill-istess socjeta' attrici, senjatament id-dikjarazjoni guramentata ta' l-attur jirrizulta li s-socjeta' konvenuta naqset li thallset il-bilanc imsemmi u fl-ahhar seduta msemmija l-Avukat tal-atturi kkonferma li ma sar ebda hlas fil-mori tal-kawza. Ma saret ebda prova kontrarja u ghalhekk hemm lok li t-talba attrici tigi milqugha.

**Ghal dawn il-mottivi l-Qorti fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ta' l-ewwel talba billi l-kawza hadet il-kors taghha, tilqa' it-tieni u tielet talbiet attrici.**

**L-ispejjes jithallsu mis-socjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------